# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 18 ta' April, 2018**

**Numru 2**

**Rikors Numru 50/18 TA**

**Central Asphalt Limited (C-23652)**

**vs**

**Unique Turnkey Limited (C-37841)**
**gja Unique Construction & Developers Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors tas-Socjeta` Central Asphalt Limited presentat fis-16 ta' Jannar, 2018 u mahluf minn Joseph Vella li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:

> "(1) Illi s-socjeta` intimata Unique Turnkey Limited (C-37841) gja Unique Construction & Developers Limited inkarigat lis-socjeta` rikorrenti Central Asphalt Limited tipprovdi materjal relatat mal-kostruzzjoni, liema materjal gie

debitament kkonsenjat u pprovdut u di fatti, kif kien miftiehem, hargu numru ta' invoices migbura fi statement hawn anness u mmarkat DOK 1.

(2) Illi komplessivament hemm pendenti s-somma ta' sebghin elf, disa' mija u hamsa u tletin Euro u tlett centezmi (€70,935.03), kif jirrizulta mill-istess *debtors statement*.

(3) Illi fix-xhur li ghaddew gew kkonsenjati anke xi cekkijiet bi hlas akkont tal-ammont hawnhekk riklamat, liema cekkijiet ma ssarfux u kwindi l-hlas baqa' ma sarx, anke jekk is-socjeta` intimata la qatt cahhdet li kellha thallas u anzi dejjem weghdet illi kienet ser teffettwa l-hlas dovut lis-socjeta` rikorrenti.

(4) Illi peress illi l-ammot huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-Artikolu 167-170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, inkluz illi l-intimata m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti ghal din l-istess talba;

Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti, bid-dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-Artikli 167-170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;

2. Tiddikjara illi s-socjeta` intimata ghandha thallas lil dik rikorrenti s-somma ta' sebghin elf, disa' mija u hamsa u tletin Euro u tlett centezmi (€70,935.03);

3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sebghin ef, disa' mija u hamsa u tletin Euro u tlett centezmi (€70,935.03), kif fuq indikat u ghar-ragunijiet hawn fuq indikati.

Bl-imghax kummercjali sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjes kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Novembru 20917 u tal-Mandat kawtelatorju ta' Sekwestru ppresentat kontestwalment, kontra s-socjeta` intimata, li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tas-Socjeta` Konvenuta (a` fol 34);

Rat id-digriet taghha tal-lum stess li permezz tieghu cahdet it-talba tas-Socjeta` Konvenuta biex tigi ammessa taghmel l-eccezzjonijiet taghha u dan

kollu fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 170(1) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa ta' Joseph Vella (a` fol 15);

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat**

Din hija azzjoni taht l-artikolu 167-170 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta.

Wara li l-Qorti ordnat li l-kawza tkompli bil-procedura specjali sommarja;

Il-Qorti ezaminat ir-Rikors Guramentat u l-atti kollha tal-kawza u kellha okkazzjoni li tisma' x-xhieda tal-partijiet viva voce, anke jekk din ix-xhieda instemghet ai fini ta' ammissjoni da parti tas-Socjeta` Konvenuta biex tippresenta l-eccezzjonijiet taghha. Il-Qorti hi konvinta, li s-Socjeta` Attrici irnexxielha tipprova l-pretensjonijiet taghha.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Qorti qeghdha tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:-

**Tilqa' l-ewwel talba** billi tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu 167-170 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta;

**Tilqa' t-tieni talba** u tiddikjara illi s-Socjeta` Konvenuta ghandha thallas lis-Socjeta` Rikorrenti s-somma ta' sebghin elf, disa' mija u hamsa u tletin Euro u tlett centezmi (€70,935.03);

**Tilqa' t-tielet talba** u tikkundanna lis-Socjeta` Konvenuta thallas lis-Socjeta` Attrici s-somma ta' sebghin elf, disa' mija u hamsa u tletin Euro u tlett centezmi (€70,935.03) bl-imghaxijiet legali mill-14 ta' Novembru 2017 sal-pagament effettiv.

**Spejjez** tal-kawza jigu kollha sopportati mis-Socjeta` Konvenuta inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Novembru, 2017 u l-Mandat ta' Sekwestru presentat kontestwalment mal-kawza.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**